MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1636/2004

**Seifert MTM Systems Malta Limited**
**(C 19223)**

**Vs**

**Randolph Mizzi bil-karta tal-identita'**
**nru. 163277 (M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm746.75c (seba' mija u sitta w erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti l-valur ta' ghodda mislufa lill-konvenut u liema ghodda qatt ma giet irritornata lis-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm746.75c (seba' mija u sitta w erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------